**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 78/2014

Seduta tas-6 t'Ottubru, 2016

**Il-Pulizja**

**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**Vs**

**Giovanni Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Giovanni Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 132677M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-27 ta' April 1996, u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuni u cioe` Omissis 1 u Omissis 2 kontra l-volonta` taghhom, jew ta l-post biex fih dawn il-persuni gew

arrestati, mizmuma jew issekwestrati, liema delitt huwa aggravat billi l-persuni arrestati, mizmuma jew issekwestrati gew offizi fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, kif ukoll sar sabiex persuna ohra, tkun imgieghla taghmel jew tonqos li taghmel att, li jekk wiehed jaghmlu jew jonqos li jaghmlu volontarjament ikun delitt;

b) Kif ukoll bil-vjolenza u bl-uzu ta' armi regulari, ikkommetta stupru fuq persuna ta' taht l-eta` ta' tnax-il sena, ta' sess il-wiehed jew l-iehor;

c) Kif ukoll b'ghemil zieni, ikkorrompa persuni ta' taht l-eta`, tas-sess il-wiehed jew l-iehor cioe` Omissis 1 u Ommissis 2, liema delitt sar bi hsara ta' persuni li ma ghalqux l-eta` ta' tnax-il sena inkella bi vjolenza, kif ukoll b'theddid jew b'qerq;

d) Kif ukoll ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Omissis 1 ta' disa' snin u ta' Omissis 2 ta' hdax-il sena;

e) Kif ukoll talli ghall-qliegh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpengija, ritratt, film, ktieb, kartolina, jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

f) Kif ukoll offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku; Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer f'xi jum matul ix-xahar ta' April 1996:

g) Ikkommetta serq ta' oggetti, u cioe` ta' cwievet, liema delitt sar ghad-dannu ta' Peter Cassar mill-Wardija;

h) Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Omissis 1 kif ukoll fuq il-persuna ta' Omissis 2, skond ma ccertifikaw Dr. Carmen Portelli MD u Dr. Martin Mallia MD tal-Isptar San Luqa;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok u cirkostanzi:

i) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li saret ghad-dannu ta' Peter Cassar mill-Wardija ma tiskorrix il-hames mitt Lira, imma tiskorri l-hamsin Lira;

j) Bi hsara tas-sid jew tad-detentur u cioe` Peter Cassar mill-Wardija, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta' haddiehor u cioe` tal-guest house li tinstab sitwata gewwa Triq il-Katidral tas-Sliema;

k) Kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u

l) Minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi kontra n-nies u cioe` kontra Omissis 1 u Omissis 2 minn Omissis.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Frar, 2014, li biha wara li rat l-Artikoli 18, 86, 87, 88, 198, 199, 201, 202, 203, 206, 207, 208, 209, 221, 284, 285, 325(a), (b) u (c) u 339(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 3, 9, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tar-reat taht l-Artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif aggravat taht is-sub-artikoli (a) u (b) tal-istess artikolu u kkundannatu ghall-piena ta' tliet (3) snin prigunerija li minnhom kellu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat inzamm taht arrest preventiv u filwaqt illi astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-reat addebitat lill-hati taht l-Artikolu 207 tal-Kap. 9, stante li kien meqjus

bhala alternattiv ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203(1) tal-istess Kapitolu, sabitu mhux hati tar-reati addebitati lilu taht l-Artikoli 18, 86, 87, 88, 198, 199 u 325(1)(a) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-Artikoli 3, 9 u 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u lliberatu minnhom, u bl-applikazzjoni tal-Artikoli 31 u 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ddecidiet wkoll illi r-reati taht l-Artikoli 208, 209, 221, 284, 285, 325(1)(b) u 339(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dawk taht l-Artikoli 13 u 25 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kienu preskritti u ghalhekk l-appellant kien lliberat minn kull htija anke fir-rigward ta' dawn ir-reati.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-magazines pornografici, il-mus, il-camera u l-karti tal-loghob esebiti in atti. Ordnat ukoll d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri koncernati u tal-familjari u hbieb taghhom bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Fit termini tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat illi kopja ta' dik is-sentenza tkun komunikata lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Giovanni Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab r-riforma tas-sentenza appellata billi tkun konfermata dik il-parti fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-reat taht l-artikolu 207 tal-Kap 9 u sabet lill-appellant mhux hati tar-reati addebitati lilu taht l-artikoli 18, 86, 87, 88, 1968, 199 u 325(1)(a) u (c) tal-Kap 9 u taht l-artikoli 3, 9 u 26 tal-Kap. 66 u lliberatu minnhom, u f'liema wkoll, bl-applikazzjoni tal-artikoli 31 u 688 tal-Kap 9 iddecidiet illi r-reati taht l-artikoli 208, 209, 221, 284, 285, 325(1)(b) u 339(b) tal-Kap 9 u dawk taht l-artikoli 13 u 25 tal-Kap. 66 huma preskritti u ghalhekk kien liberat minnhom u thassar, tirrevoka u tannulla is-sentenza f'dik il-

parti fejn sabet lill appellant hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif aggravat taht is-subartikoli (a) u (b) tal-istess artikoli u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; jew alternattivament, f'kaz li l-Qorti xorta wahda ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena inflitta ta' tliet snin (3) prigunerija u minflok tinfliggi piena anqas u alternattiva minn dik karcerarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi minghajr ebda dubju, l-ewwel kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti hija mirata lejn id-dewmien esagerat ghad-determinazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti u fl-istess waqt lejn l-intervent lodevoli taghha, wara li kienet diversament komposta. Quddiem l-ewwel Qorti l-kawza thalliet ghas-sentenza f'Ottubru 2005 u baqghet tkun hekk differita sat-8 t'April 2013. F'dik id-data il-Qorti kienet diversament komposta u fi Frar tal-2014, igifieri anqas minn sena wara, l-Qorti ordnat li l-kawza tkun rikjamata bl-iskop li tinghata sentenza li inghatat fis-seduta ta' wara stante li l-appellant kien naqas milli jidher. Tali dewmien certament huwa ta' inkonvenjent serju sia ghal min ikun qed jistenna decizzjoni fejn hi prospettata, bhal fil-kaz odjern piena ta' prigunerija effettiva, kif ukoll ghall-vittmi li bla ebda dubju ikunu mixtieqa li jghalqu dak il-kapitolu ta' hajjithom;

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrisalu ghas-sena 1996 meta zewgt itfal, wiehed ta' disa snin u ohta ta' hdax-il sena kienu intlemhu jaharbu minn gewwa *guest house* li f'dak iz-zmien ma kellhiex residenti fiha. Sid il-*guest house* kien qed jaghmel spezzjoni wara li fil-granet ta' qabel kien qed isib affarijiet li ma kienux f' posthom meta allura lemah lil dawn iz-zewgt itfal li ttentaw jaharbu malli rawh u minnufih informa lill-Pulizija. Fuq il-post instab li kien qed isir uzu minn wahda mill-kmamar filwaqt illi kamra ohra kienet zgassata. Mitkellma mill-Pulizija, t-tfal kienu rrakontaw illi kienu introdotti fil-*guest house* minn persuna ta' sittax-il sena li kien qal li jismu Giovanni Costa u li kienu ilhom jiltaqghu hemmhekk fuq medda ta' erbat ijiem fejn fl-ahhar jum kien gieghlhom jitbewsu u jmissu il-partijiet privati ta' xulxin waqt li hu kien jara rivisti pronografici u hadilhom ukoll xi ritratti tal-posizzjoni li gieghlhom jassumu. L-appellant ma kienx fuq il-post izda mill-informazzjoni li gabret il-Pulizija, huwa kien identifikat bhala l-persuna responsabbli u tressaq biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet appena riportati;

3. L-appell odjern jirrigwarda biss it-tielet imputazzjoni, igifieri dik ravvizata fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali rigwardanti korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-eta' u huwa maqsum fuq zewg binarji: dak tal-apprezzament zbaljat tal-provi u b'mod sussidjarju dak dwar il-piena. L-appellant minnufih jirrikonoxxi illi kwantu l-apprezzament tal-provi mhux normali li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti jekk din setghet ragjonevolment u legalment issib htija kontra l-appellant u dwar dan ghalhekk ikunu inutili li din il-Qorti tinoltra aktar fuq l-istess principju;

4. L-appellant essenzjalment jikkwerela d-decizzjoni tal-ewwel Qorti fejn din ikkonkludiet li huwa kien il-persuna responsabbli ghal-dak li allegaw iz-zewg minuri. Jinghad minnufih illi dan kien kaz difficli ferm fejn l-ewwel Qorti gharblet bir-reqqa il-provi kollha migjuba quddiemha u sahanistra, tenut li kien hemm xi varjanzi fid-deposizzjonijiet tal-minuri bejn dik moghtija waqt l-*in genere* u dik fil-Qorti Istruttorja waqt il-kumpilazzjoni fejn anke hemm irrizultaw xi

disprekpanzi. L-ewwel Qorti prattikament kkomparat id-deposizzjonijiet kollha u identifikat fejn dawn jaqblu mal-fatti kollha anke dawk indizjarji. Minn dan l-ezercizzju, li ripetizzjoni tieghu minn din il-Qorti tkun inutili ghaliex frankament ma tistax issir b'mod ahjar minn hekk, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddubita illi dawn iz-zewg minorenni verament ghaddew minn dan l-episodju ikrah f'hajjithom anke jekk kien ta' ftit minuti;

5. Lanqas ma ghandha ghalfejn din il-Qorti tiddubita minn dak il-fatt ammontanti ghall-korruzzjoni innifisha meta tqis illi z-zewg minorenni ttihditilhom ix-xhieda waqt l-inkjesta magisterjali u ma setghu qatt kienu f'posizzjoni li jiftehmu li jivvintaw dak kollu semplicement biex jiskolpaw lilhom infushom tal-fatti li kienu dahlu fi hwejjeg haddiehor minghajr permess. Kwalsiasi hsieb f'dik id-direzzjoni ikun qed jirrazenta l-fierah;

6. Dak izda li din il-Qorti thoss li jimmerita li jkun ezaminat huwa jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li kien l-appellant l-persuna li kkorrompiet lil dawn iz-zewg minorenni. Skond dawn tal-ahhar, kien l-appellant li qalilhom li hu kien jismu Giovanni Costa, li huwa bniedem ta' sittax-il sena, isuq karozza minghajr ma ghandu licenzja, jiffrekwenta l-kazin tal-banda tas-Sacro Coeur tas-Sliema u jippartecipa f'xi attivita tal-futbol tat-tfal iz-zaghar f'tas Sliema minkejja li fil-laqghat maghhom jitkellem biss dwar il-basketball. Costa ghandu xaghru twil sa ghonqu u jilbes misluta b'cirku u salib izda gieli kien jilbes biss is-salib. B'dawn id-deskrizzjonijiet l-Ispettur investigattiv ma nrexxilux inizzjalment jasal biex jidentifika lil xi persuna, izda wara informazzjoni minn terzi wasal biex jarresta lill-appellant fir-residenza tieghu fejn fil-kamra tieghu sablu camera tar-ritratti, mus u karti tal-loghob b'ritratti ta' nisa fuqhom;

7. L-investigaturi kienu qed ifittxu persuna li tixbah l-imagini li tidher fl-*identikit* maghmula mill-Pulizija bl-informazzjoni moghtija mill-minorenni. Din tinsab esebita bhala Dok CB5 a fol 54 tal-atti processwali. Jibda biex jinghad illi din l-imagini ma turix bniedem

b'xagharu twil u dan huwa l-inizzju ta' diversi fatturi li jehtieg li jittiehdu in konsiderazzjoni. Meta l-appellant kien arrestat kellu xaharu qasira u kellu ukoll daqna u meta ingieb l-ghassa l-minorenni ddikjaraw li ma kienux qed jgharfuh. L'ghada, omm il-minorenni infurmat lill-Ispettur Investigatur li uliedha kienu fil-fatt gharfu lill-appellant izda kienu bezghu minnu u kien ghalhekk li qalu li ma gharfuhx. Issa tajjeb li jinzamm fil-perspettiva il-kwadru li fih sehh l-inkontru bejn il-minorenni u l-aggressur. L-minorenni kienu intercettati fil-*guest house* fis-27 t'April u dik kienet ir-raba' gurnata taghhom. Minn hemm lura ghalhekk l-aggressur dejjem ipprezenta ruhu b'xagharu twila. Mix-xhieda tal-Ispettur Investigattiv jidher illi l-appellant kien arrestat u mehud l-Ghassa tas-Sliema fl-istess jum tas-27 t'April. PC 1463 xehed illi kien ilu jaf lill-imputat, illum appellant, ghal dawk l-ahhar tlett snin u gieli rah St. Andrews u jafu b'xagharu twil u kkonkluda li ma kienx ilu li qata' xagharu fejn jikkalkula xi gimgha qabel ma rah l-ghassa tas-Sliema u dan skond informazzjoni li tah persuna ohra pero' ma jghidx min. Tlett gimghat qabel kien ghadu b'xagharu twil. Ghalih, id-dokument CB5 juri immagini ta' persuna b'xagharha twil;

8. Quddiem l-ewwel Qorti, l-minuri gharfet lill-appellant bhala l-aggressur u qalet li inizzjalment fl-ghassa ddikjarat li ma kienitx qed tgharrfu ghaliex huwa kien qal hekk u ghaliex kienet qed tibza. Il-minuri l-iehor iddikjara li kien ilu jaf lill-imputat sentejn ghaliex kien jilghab il-futbol mieghu f'Tigne. B'hekk jidher li l-minorenni ma kellhomx dubju dwar l-identita' tal-appellant. Jizdied jinghad izda illi minn ezami tal-impronti digitali mehuda minn fuq diversi oggetti misjuba fil-kamra tal-*guest house* paragunati ma' dawk tal-appellant, l-ebda impronta ma rrizultat taqbel. L-pulizija kienet infurmata illi l-aggressur kien jixrob l-inbid waqt l-inkontru mal-minorenni u nstabu fliexken tal-inbid f'kexxun fil-kamra. Minkejja dan u minkejja impronti mehuda minn fuq tazzi u kikkri, l-ebda wahda ma qabblet mal- impronti tal -appellant. Kien jaghmel uzu mit-toilet, minn siggu u jcaqlaq l-ghamara flimkien mat-tfal u naturalment imiss diversi

postijiet tal-kamra u xorta wahda l-impronti misjuba ma kienux jikkorrispondu mieghu. Inoltre kienet ezaminata koperta ta' sodda li kienet intuzat waqt l-inkontri u fuqha instabet il-presenza ta' *semene* izda wara li kampjun tad-demm tal-appellant kien paragunat mar-rizultanzi forensici instab li l-appellant ghandu grupp ta' demm divers minn tal-persuna li taghha instabet is-semene fuq din il-koperta. Dwar dan, l-ewwel Qorti qalet biss: *"Irid jinghad ukoll illi ghalkemm il-provi forensici migjuba ma jindikawx il-presenza tal-imputat fil-*guest house *in kwisjtoni, madanakollu lanqas ma jeskludu l-presenza tieghu".* Din il-Qorti thoss illi dawk il-konkluzzjonijiet kienu jimmeritaw konsiderazzjoni ulterjuri fl-assjem tal-provi l-ohra;

9. Isegwi illi l-minorenni ghamlu zmien twil quddiem il-Magistrat Inkwirenti individwalment sabiex ix-xhieda taghhom tkun prezervata vicin kemm jista' jkun tal-incident u minghajr kontaminazzjoni. Fil-fatt huma xehedu proprju fil-jum li kienu intercettati minn sid il-*guest house* u dan quddiem il-Magistrat Inkwirenti, llum s-sottofirmat imhallef. Din id-deposizzjoni ttiehdet bl-ghajnuna ta' social worker u fil-presenza tal-Ispettur Investigattiv kif ukoll is-Supretendent superjur tieghu li allontanaw biss ghal ftit mumenti f'waqt fejn wiehed mill-minorenni hassitha aktar komda tiddeskrivi dak li l-aggressur gieghel lil-huha jaghmel lilha. Dan qed ikun rilevat ghaliex mill-atti processwali jirrizulta illi l-minorenni kienu mitkellma mill-investigaturi precedentement ghas-smigh taghhom mill-Magistrat Inkwirenti u f'ebda hin waqt it-tehid tax-xhieda taghhom fl-*in genere* ma saru domandi mill-Pulizija dwar fatti indentifikanti tal-aggressur taghhom, minkejja li saru domandi f'hafna aspetti ohra. L-minorenni kienu ukoll mitkelma mill-Pulizija meta kienu flimkien. Issa, ghalkemm kif gia ntqal, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-minorrerni verament sfaw vittmi ta' korruzzjoni minn aggressur u li ma setghux b'mod spontaneju u f'dawk ic-cirkostanzi xejn felici fl-ghassa tal-pulizija jivvintaw l-istess istorja li taqbel minn diversi aspetti, l-periklu li tisma lit-tnejn flimkien dwar l-identita' tal-agressur jirrazenta l-ovvju. Wara kollox gia kien hemm okkazzjoni cara fejn il-

minorenni ddikjarat li ma tgharafx lill-aggressur ghax huwa qal hekk qabilha;

10. Irid jinghad ukoll illi waqt l-inkontru bejn il-pulizija u l-minorenni, allura precedenti d-deposizzjoni taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti, L-Ispettur investigattiv gabar minghandhom deskrizzjoni ta' mus li ntuza mill-agressur bl-iskop li jgieghel lil minuri jaghmlu dak minnu ordnat. Ghal darb'ohra ma ntqal xejn dwar dan il-mus fix-xhieda *in genere*. Minkejja dan, l-Ispettur investigattiv jghid illi wara li fil-kamra f' residenza fejn jirrisjedi l-appellant sab mus huwa talab lil minorenni jiddeskrivuh u urihom l-istess fejn kkonfermaw li kien dak li bih kien jheddidhom l-appellant. Sussegwentement quddiem il-Qorti Istruttorja, t-tfal iddeskrivew ukoll dan il-mus izda irid jinghad illi l-ufficjali investigattivi qatt ma talbu lil-minorenni ghal tali deskrizzjoni waqt ix-xhieda taghhom fl-*in genere*;

11. Din il-Qorti thoss ukoll li ghandha tirrimarka negattivament dwar il-fatti illi minkejja li l-ufficjal investigattiv xehed illi irrizulta li l-appellant kien jiffrekwenta l-kazin tal-banda tas-Sacre Coeur u li kien jilghab futbol mat-tfal f'Tigne, qatt ma ressaq xhieda in sostenn. Issa ghalkemm dan m'ghandux b'xi mod jirrifletti fuq l-istess ufficjali, hija regola bazika illi sakemm ic-cirkostanzi jippermettu ghandha dejjem tingieb xhieda in sostenn ta' tali allegazzjoni. Certament li kazin tal-banda jkollu dirigenti u klijentela u ghalhekk huwa mistenni fil-minimu li jingieb xhud li jghid li dik il-persuna hija midhla ta' dak il-kazin. Dan jassumi importanza aktar meta l-maggor parti tax-xhieda tkun indizzjarja kif kien mistqarr mill-ewwel Qorti fejn allura jehtieg li dik ix-xhieda ikollha l-karattru tal-univocita';

12. Konsiderat dan kollu, n-nuqqas tal-ewwel Qorti li tiehu in konsiderazzjoni il-mankanza fil-provi kif elenkati minn din il-Qorti iwasslu ghal konkluzzjoni li ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha;

13. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ma sabitx htija u

lliberat lill-appellant u f'dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet alternattivi, thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati u minflok tilliberah minn kull htija u piena.